# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2022**

**Kawża Numru :10**

**Rik. Ġur. 522/2020 RGM**

**Associated Marketing Limited**

**vs.**

**Sierra Group Malta Limited**

**u b'digriet tat-18 ta' Novembru, 2020**

**giet kjamata in kawza s-socjeta`**

**Sierra Stationery & Book Shop Limited**

**(C-75553)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Associated Marketing Limited** ippreżentat fit-30 ta' Ġunju, 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-attriċi biegħet u kkonsenjat lill-konvenuta aċċettanti, fuq ordni tagħha, diversi partiti ta' merċe li jinbiegħ minn ħwienet ta' *stationery*, u dan in konnessjoni ma' l-istess negozju ta' *stationery* ġestit mill-konvenuta.

2. Illi l-konvenuta hija debitriċi ta' l-attriċi fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf mija erbgħa u tmenin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€24,184.73), bilanċ minn somom akbar ilkoll il-prezz tal-merċe mibjugħa u konsenjata lill-konvenuta f'diversi okkażjonijiet.

3. Illi minkejja li ġiet debitament interpellata sabiex tħallas, il-konvenuta baqgħet inadempjenti.

4. Illi sa fejn taf l-attriċi, l-konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet tagħha.

5. Illi għalhekk qed issir din il-kawża.

6. Illi Antonia Vella, debitament awtorizzata tirrappreżenta lill-attriċi fi proċeduri ġudizzjarji, tiddikjara li taf bil-fatti fuq esposti personalment.

Għaldaqstant l-attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:

(i) tisma' u taqta' t-talbiet ta' l-attriċi bid-dispensa tas-smigħ billi jikkonkorru l-ħtiġiet kollha skond l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf mija erbgħa u tmenin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€24,184.73).

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali dekorribbli b'effett mit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tagħha fi proċeduri ġudizzjarji.

B'digriet tat-8 ta' Lulju 2020 il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għas-16 ta' Settembru 2020.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2020 l-Qorti semgħat it-testimonjanza ta' Doreen Farrugia Grech imsejħa bħala xhud mis-soċjeta' konvenuta.

B'digriet mogħti fl-istess seduta l-Qorti ddikjarat illi ma jirriżultawx l-estermi sabiex il-kawża odjerna tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ u għalhekk tat lis-soċjetà konvenuta għoxrin jum sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha;

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Sierra Group Malta Limited** ippreżentata fit-2 t'Ottubru, 2020 li taqra kif ġej:

1. Illi preliminarjament l-esponenti m'ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u dan kif jirrizulta anke` mill-atti tal-kawza fejn jidher car li l-istatement pprezentat mir-rikorrenti jirreferu ghal persuna li mhix l-esponenti u dan kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u b'hekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati.

Rat ir-**risposta ġuramentata ulterjuri ta' Sierra Group Malta Limited** ippreżentata fid-19 ta' Novembru 202 fejn ġie eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-esponenti qed teccepixxi il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f);

Salv eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati.

Rat li b'digriet tat-18 ta' Novembru 2020 ġiet kjamata in kawża s-soċjeta Sierra Stationery & Book Shop Ltd;

Rat ir-riferta tat-2 ta' Marzu 2021 magħmula mill-Marixxal Marco Bonnici fejn iddikjara illi ma nnotifikax lis-soċjeta' kjamata in kawża fl-indirizz indikat ġewwa l-Imqabba peress li l-persuna li kienet f'dak l-indirizz irrifjutat li tirċevi l-atti peress li informatu li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kumpanija Sierra Group Ltd.

Dwar dan l-episodju s-soċjeta' attriċi ppreżentat rikors fil-25 ta' Marzu 2021 fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet lill-Qorti tiddikjara illi s-soċjeta' kjamata in kawża titqies notifikata b'effett mid-data tar-rifjut da parti tar-rappreżentant tal-istess soċjeta' li tilqa' n-notifika.

Fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021 il-Qorti semgħat lill-Marixxal Marco Bonnici. Huwa spjega illi meta fit-2 ta' Marzu 2021 mar sabiex jinnotifika lis-soċjeta' kjamata in kawża fl-indirizz indikat ġewwa l-Imqabba huwa sab li kien l-istess indirizz fejn fl-10 ta' Awissu 2020 kien innotifika lis-soċjeta' konvenuta f'idejn l-istess persuna li fit-2 ta' Marzu 2021 irrifjutat li tilqa' l-atti. Il-Marixxal Bonnici ikkonferma li l-persuna kienet Doreen Farrugia Grech.

B'digriet tat-2 ta' Ġunju 2021 il-Qorti ddikjarat li s-soċjeta kjamata in kawża ġiet notifikata fit-2 ta' Marzu 2021fit-termini tal-aħħar proviso tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12;

Rat illi s-soċjeta kjamata in kawża baqgħet kontumaċi;

Rat il-provi mressqa mis-soċjeta attriċi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi ppreżentata fit-30 ta' Ġunju 2022[1];

Rat illi nonostante li s-soċjeta konvenuta u s-soċjeta kjamata in kawża ingħataw l-opportunita sabiex iressqu n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom ma ppreżentaw xejn;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

Fis-sena 2014 Josef Grech u martu Doreen Farrugia Grech għan-nom tas-soċjeta konvenuta Sierra Group Malta Ltd (**is-soċjeta konvenuta**), bdew jixtru mingħand is-soċjeta' Associated Marketing Limited (**is-soċjeta' attriċi**) prodotti in konnessjoni ma' *stationery* u dan in konnessjoni ma' ħwienet li huma kienu jiġġestixxu tramite l-kumpanniji li kellhom.

Fis-sena 2016 Josef Grech talab lis-soċjeta attriċi sabiex tibda toħroġ il-fatturi f'isem il-kumpanija Sierra Stationery & Book Shop Ltd (**is-**

[1] Paġna 140 et seq tal-proċess.

**soċjeta kjamata in kawża**). Is-soċjeta kjamata in kawża ma kinitx tagħmel il-ħlasijiet b'mod regolari u waqgħet lura fil-pagamenti.

Fit-30 ta' Ġunju 2020 s-soċjeta attriċi intavolat il-kawża odjerna għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tagħha ta' €24,184.73.

Ikkunsidrat

**L-Eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta attriċi**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha s-soċjeta' konvenuta eċċepiet li hija m'għandha l-ebda konnessjoni mas-soċjeta attriċi.

Is-soċjeta attriċi ppreżentat il-fatturi kollha li baqgħu mhux imħallsa li jiffurmaw il-mertu tal-kawża odjerna.

Dawn il-fatturi ikopru l-perjodu ta' bejn is-17 t'Awwissu 2016 u t-30 ta' Jannar 2018. Kollha inħarġu fuq is-soċjeta Sierra Stationery & Book Shop Ltd.[2]

Dan huwa fatt rikonoxxut mill-istess soċjeta attriċi. Fil-fatt fl-affidavit ta' Antonia Vella, rappreżentatriċi tas-soċjeta attriċi ingħad li mis-sena 2016 "Josef Grech kien qalli biex il-fatturi joħorġu f'isem "Sierra Stationery & Bookshop"[3].

Fin-nota' ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta' attriċi tgħid illi huma debituri tagħha sew is-soċjeta' konvenuta kif ukoll is-soċjeta' kjamata in kawża. Tgħid illi r-rapport ta' negozju kien beda mas-soċjeta' konvenuta u kien biss fi stadju ulterjuri li Doreen Farrugia Grech, rappreżentanta tas-soċjeta' konvenuta, introduċiet lis-soċjeta' kjamata

[2] Paġni 29 sa 100 tal-proċess.
[3] Paġna 27 tal-proċess.

in kawża billi talbet li l-fatturi ma jibqgħux jinħarġu aktar fuq isem is-soċjeta' konvenuta iżda jibdew jinħarġu fuq isem is-soċjeta' kjamata in kawża. Tgħid illi mill-bqija kollox baqa' jsir kif kien isir qabel u għalhekk tgħid illi bil-fatt li l-fatturi ma baqgħux jinħarġu fuq isem is-soċjeta' konvenuta iżda bdew jinħarġu fuq isem is-soċjeta' kjamata in kawża ir-riżulta kien mhux sostituzzjoni ta' soċjeta' b'oħra iżda li t-tieni soċjeta' assumiet hi ukoll id-dejn favur is-soċjeta' attriċi.

F'dan ir-rigward is-soċjeta' attriċi tissottometti illi għandu japplika dak li fil-lingwaġġ ġuridiku Taljan jissejjaħ *accollo* jew *adpromissio*.

Fi kliem ieħor is-soċjeta' attriċi tirritjeni illi bil-fatt li l-fatturi bdew jiġu intestati mhux aktar f'isem is-soċjeta' konvenuta iżda f'isem is-soċjeta' kjamta in kawża, ir-rapport ġuridiku baqa' mas-soċjeta' konvenuta filwaqt li s-soċjeta' kjamata in kawża daħlet garanti.

Bħala prova li r-rapport bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' konvenuta baqa' għaddej allavolja l-fatturi ma baqgħux jiġu intestati f'isimha tirreferi għall-fatt li s-soċjeta' konvenuta effettwat xi pagamenti anke wara li l-fatturi bdew jinħarġu f'isem is-soċjeta' kjamata in kawża.

Tgħid li bid-dħul tas-soċjeta' kjamata in kważa fin-negozju, ir-rapport bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' konvenuta baqa' għaddej tant li kienet effettwat xi pagamenti anke wara li l-fatturi bdew jinħarġu f'isem is-soċjeta' kjamata in kawża.

Ikkunsidrat;

In sostenn tas-sottomissjoni tagħha s-soċjeta' attriċi tiċċita s-sentenza Idea Casa Company Limited vs Allan Magro mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-20 ta' Lulju 2020.

Il-Qorti tqis illi s-sentenza ċitata ma hiex applikabbli għall-każ odjern peress li l-fattispecie tagħha huma differenti kompletament minn dawk

tal-kawża odjerna. Dik il-kawża kienet titratta kreditu naxxenti minn bejgħ ta' għamara. Il-venditur , ix-xerrej u t-tieni konvenut iffirmaw skrittura li permezz tagħha iddikjaraw illi d-dejn "has been taken over" mit-tieni konvenut. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi peress li fl-iskrittura ma ġiex espressament patwit li x-xerrej kien qed jiġi meħlus mid-dejn, allura ma seħħitx novazzjoni bil-konsegwenza li x-xerrej ma nħelisx mid-dejn. Bil-konsegenza li b'riżultat ta' dik l-iskrittura it-tieni konvenut kien sar debitur insolidum flimkien max-xerrej a favur il-venditur.

Il-fattispecie fil-kawża odjerna huma kompletament differenti. Il-fatturi jsejħu lis-soċjeta' kjamata in kawża u mhux lis-soċjeta' konvenuta. Qari tal-fatturi kollha maħruġa imkien ma jirriżulta illi s-soċjeta' kjamata in kawża kienet qed tassumi d-dejn dovut mis-soċjeta' konvenuta.

Kieku huwa minnu li kien hemm xi ftehim ż-żewġ soċjetajiet ikunu obbligati jħallsu l-import tal-fatturi, lanqas li setgħat tagħmel is-soċjeta' attriċi kien li fuq il-fatturi issemmihom it-tnejn. Bil-fatt li kienet qed toħroġ il-fatturi f'isem is-soċjeta' kjamata in kawża u mhux aktar f'isem is-soċjeta' konvenuta kienet aċċettat li kien hemm bidla fil-persuna ġuridika li kienet qed tixtri.

In vista tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta li magħha s-soċjeta attriċi għandha relazzjoni ġuridika hija s-soċjeta Sierra Stationery & Book Shop Ltd u mhux Sierra Group Malta Ltd.

Għaldaqstant filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni imressqa mis-soċjeta konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha tat-2 t'Ottubru 2020, tiddikjara illi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' konvenuta u b'hekk qed tillibera lis-soċjeta' konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

In vista tal-akkoljiment ta' din l-eċċezzjoni, mhux meħtieġ li l-Qorti tikkonsidra wkoll l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjeta' konvenuta fejn eċċepiet li l-azzjoni attriċi hija preskritta. Għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat

**Is-soċjeta kjamata in kawża hija kontumaċi.**

B'digriet tat-18 ta' Novembru 2020, il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta' attriċi għall-kjamat in kawża tas-soċjeta Sierra Stationery & Book Shop Ltd.

L-imsemmija soċjeta naqset milli tippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Huwa ritenut li l-kontumaċja għandha tittieħed bħala kontestazzjoni u mhux bħala ammissjoni. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabilità u li jressaq l-aħjar prova.

Inżamm illi "*... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*". (**Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** - Appell Inferjuri - 22 ta' Ġunju 2005).

Inżamm ukoll illi ".....skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess *ex officio* kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-

kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re **Hammet vs Genovese** moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:

"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.

Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"" (**Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe** - Appell Superjuri - 27 ta' Marzu 1996)

Ikkunsidrat

**Mertu**

Il-Qorti eżaminat il-fatturi kollha li ġew ippreżentati mis-soċjeta attriċi annessi mal-affidavit ta' Antonia Vella ppreżentat fit-23 ta' Frar 2021.[4]

Irriżulta sodisfaċentement illi kull fattura ssejjaħ lis-soċjeta' kjamata in kawża u tresqet xhieda dwar il-konsenja lis-soċjeta' kjamata in kawża tal-merkanzija hemm indikata.

It-total tal-import tal-fatturi jwassal għas-somma globali ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u sitta u disgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€23,296.33).

Ma jirriżultax skond il-fatturi li s-soċjeta' konvenuta kienet qed tingħata żmien sabiex tħallas.

[4] Minn paġna 27 sa paġna 100 tal-proċess

Mill-prospett anness mar-rikors ġuramentat jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi qed tippretendi l-imgħax fuq l-ammont dovut mil-jum li kien dovut.

In-negozju ta' bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' kjamata in kawża jikkwalifika bħala att ta' operazzjoni ta' bejn intrapriżi fit-termini tal-**Artikolu 26Ċ tal-Kodiċi tal-Kummerc** li jipprovdi illi f'ċirkostanzi simili bħal dawk tal-kawża odjerna l-imgħax bi 8% jibda jiddekorri wara tletin (30) jum mid-data tal-fattura (ara **Middlesea Insurance plc vs Peter Azzopardi pro et noe** - Appell Superjuri - 17 ta' Marzu 2021.).

Għalhekk il-Qorti ser tilqa' t-talba għall-imgħax b'effett minn tletin jum wara d-data tal-aħħar fattura.

**Decide**

Għal dawn il-mottivi, l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta Sierra Group Malta Limited, tiddikjara illi ma hemmx relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjeta' attriċi. Konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta ma hiex il-leġittimu kontradittur, tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tastjeni milli tiddeċiedi l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjeta' konvenuta fejn eċċepiet li l-azzjoni attriċi fil-konfront tagħha hi preskritta.

3. Tilqa' l-ewwel talba attriċi fil-konfront tas-soċjeta' kjamata in kawża Sierra Stationery & Book Shop Limited.

4. Tikkundanna lis-soċjeta' kjamata in kawża Sierra Stationery & Book Shop Limited tħallas lis-soċjeta' attriċi Associated Marketing Limited is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u sitta u disgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€23,296.33) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, prezz ta' merċi mibjugħa u kkonsenjata mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' kjamata in kawża, bl-imgħax legali mit-30 ta' Frar 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' kjamata in kawża Sierra Stationery & Book Shop Limited; ħlief għall-ispejjeż tas-soċjeta' konvenuta Sierra Group Malta Limited li għandhom jitħallsu mis-soċjeta' attriċi.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru 2022

**Deputat Reġistratur**